MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 16/2012

**A B C**
**vs**
**D C, id-Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u**
**Dr Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tas-26 ta' Settembru 2012 gew nominati Kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri E C**

**Il-Qorti,**
**Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tad-19 ta' Jannar 2012, li permezz tieghu wara li ppremetta:-
1. Illi fit-13 ta' Settembru 2010 twieled il-minuri E li gie registrat bhala bin r-rikorrent A-B C u bil-kunjom C ;
2, Illi recentement l-espoennt kellu suspett u b'hekk bhala konsegwenza ghamel l-ezamijiet xjentifici

necessarji fejn gie stabbilit li l-minuri bl-isem 'E' mhux il-wild naturali tieghu;
3. Illi r-rikorrent mhux il-missier naturali tal-minuri 'E’ registrat bil-kunjom 'C' u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh u trattazzjoni tal-kawza;
4. Illi l-esponent ghandu interess li fic-certifikat tat-twelid tal-minuri, hu ma jibqax indikat bhala l-missier naturali u dan peress li ma tirrispekkjax il-verita.
Talab lil din il-Qorti:
1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-minuri 'E John Oreste C mhux wild l-istess r-rikorrent u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti medici beix isiru t-testijiet tad-DNA;
2. Tordna illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 2931/2010 tal-minuri '*E John Oreste'* billi fejn hemm miktub u indikat li l-isem il-missier hu r-rikorrent *'A B C'* dawn jigu mhassra u jigi mnizzel illi l-minuri msemmi huwa l-missier mhux maghruf, illi fejn hemm indikat 'Min jaghmel id-dikjarazzjoni' 'The Father' dan ukoll jithassar u jigi indikat *'father unknown'* . Illi di piu, fejn hemm indikat fil-kolonna 'joqghodu' il-kelma 'Sliema’ tithassar u jigi indikat 'father unknown' kif ukoll fejn hemm il-kolonna 'Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet' dan jigi sostitwit bil-kliem 'father unknown' u fejn hemm iondikat 'Antoine C (Alive) dan jithassar u jigi sostitwit 'father unknown';
3. Tordna li r-Registratur tal-Qorti tibghat kopja legali tas-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel l-emendi necessarju u opportuni fic-certifikat tat-twelid bin-numru progressiv 2931/2010 tal-minuri maghruf b'isem 'E' u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.
Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.
Rat id-digriet taghha datat 26 ta' Settembru 2012 li permezz tieghu innominat lill-Avukat Renzo Porsella Flores u lill-Prokuratur Legali Doreen Aquilina bhala deputati kuraturi biex jirraprezentaw lill-minuri;
Rat in-nota tas-26 ta’ Ottubru 2012 li permezz taghha l-konvenuta D C ammettiet it-talbiet attrici.
Semghet ix-xhieda ;
Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-ispizjara Dottoressa Marisa Cassar.

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Ikkonsidrat:

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-attur, li huwa mizzewweg lill-konvenuta u li ghalhekk gie registrat bhala missier il-minuri li weldet l-istess konvenuta, ma hux fil-fatt missier il-minuri.

Peress li l-attur ma ottjeniex ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-awtorizzazzjoni tal-Qorti qabel ma istitwixxa dawn il-proceduri, il-Qorti semghat lill-partijiet fl-udjenza tas-17 ta' Settembru 2013 u peress li rrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju li l-minuri qatt ma kellu stat ta' iben l-attur, il-Qorti awtorizzat lill-attur jipprocedi gudizzjarment. In segwitu il-konvenut Direttur irtira l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu.

**Provi**

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenuta kienet weldet lit-tifel 'E' fit-13 ta' Settembru 2010 u peress li kienet mizzewga lil A-B C, fuq ic-certifikat tat-twelid deher il-kunjom C u l-attur bhala l-missier. Il-konvenuta ammettiet li t-tifel E mhuwiex il-wild naturali tar-ragel taghha l-attur A-B C.[1]

It-testijiet tad-DNA ipprezentati minn Dr Marisa Cassar fit-22 ta' Mejju 2013 jikkonfermaw xjentifikament li l-minuri mhuwiex iben l-attur A-B C.

Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ic-cirkostanzi li fihom ragel mizzewweg li gie registrat bhala missier wild martu jista' jagixxi b'kawza ta' denegata paternita' bhal dik odjerna. Fost ir-ragunijiet hemm il-prova tal-adulterju kif ukoll il-prova bil-mezz xjentifiku.

Artikolu 75 tal-Kapitolu 16 imbaghad jipprovdi kontra min tali azzjoni ghandha titmexxa:-

*(1) L-azzjoni sabiex tincahad il-paternita ghandha titmexxa -*

*(a) kontra t-tifel jekk ikun tal-eta'; jew*

*(b) jekk ma jkunx tal-eta' jew ghal raguni ohra ma jkunx tajjeb biex joqghod f'kawza kontra kuratur*

[1] Ara xhieda tal-konvenuta a fol.51

*mahtur mill-Qorti li quddiemha tingieb il-kawza: izda l-Qorti tista' tahtar it-tutur li t-tifel ga jkollu;*
(2) *F'kull kaz, l-omm ghandha tigi msejha fil-kawza.*
Una volta l-azzjoni promossa mill-attur hija intiza sabiex tbiddel radikalment il-kontenut ta' att tat-twelid, il-Qorti hija fid-dover timxi b'kawtela kbira stante li l-akkoljiment ta' talba ghad-*denegata paternita* twassal ghal krejazzjoni ta' qaghda guridika gdida ghall-minuri in sostituzzjoni ta' dik attwali.
Mill-atti jirrizulta li r-rekwiziti mitluba mill-Artikoli 70 u 75 fuq imsemmija huma sodisfatti. L-akkoljiment tat-talbiet attrici huma wkoll il-konferma tal-pussess tal-istat li attwalment ihaddan il-minuri.

**Decide.**
Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mill-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur konvenut billi:-
1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri 'E John Oreste C' mhux iben l-attur.
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 2931/2010 tal-minuri '*E John Oreste*' billi fejn hemm miktub u indikat li l-isem il-missier hu l-attur *'A-B C'* dan jigi kancellat u jigu kancellati l-konnotati kollha tieghu, filwaqt li l-kliem "the said" hdejn isem l-omm jigu kancellati u minflok taht l-intestatura l-missier jigi indikat "missier mhux maghruf."
3. Tichad it-tielet talba in kwantu d-Direttur tar-Registru Pubbliku huwa parti f'dawn il-proceduri u ghalhekk mhux mehtieg li jigi notifikat bis-sentenza.
Bl-ispejjez kontra l-konvenuta D C.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------